
IL-FESTA
TAL-FESTI
28 - 29 - 30 T'APRIL 2023 | IL-PALAZZ VERDALA
FULJETT GĦAT-TFAL

# KELMTEJN MILL-PRESIDENT TA' MALTA



Il-festa hi mument li jgħaqqad in-nies ta' raħal jew belt, hekk kif jibdew iħejju għaliha u, aktar tard, jiċċelebrawha. Tgħaqqad il-familji, għaliex il-festa tkun mument ta' għaqda fejn il-familja tiltaqa'. Il-festa tabilħaqq hi mument u esperjenza li għandha tgħaqqadna flimkien.

Il-festa għandha għeruq fondi fil-kultura tagħna iżda li spiss intesew jew mhumiex magħrufa biżżejjed.

Dan il-ktejjeb għandu jwassal għal aktar għarfien dwar dak li jsawwar il-festa Maltija. Bil-mod oriġinali li hu mħejji, u permezz tal-logħob li fih, l-esperjenza tal-festa u dak kollu li jsawwarha għandha tinftiehem u tiġi apprezzata aktar.

**L-E.T. GEORGE VELLA**
IL-PRESIDENT TA' MALTA

# KELMTEJN MILL-MINISTRI

## IL-MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI



It-tagħlim dwar il-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet minn età żgħira hu bla dubju ta' xejn esperjenza sabiħa għat-tfal. Il-ktieb 'il-Festa tal-Festi' se jkun qed jgħin lit-tfal jiżviluppaw sens ta' għarfien kulturali u apprezzament għad-drawwiet u t-tradizzjonijiet tal-komunità tagħhom u lil hinn. Permezz tat-tagħlim dwar il-festi, it-tfal jistgħu jifhmu s-sinifikat storiku u kulturali ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet u jitgħallmu kif evolvew matul iż-żmien.

Jistgħu wkoll jiksbu fehmiet aktar profondi tat-tradizzjonijiet tal-familja tagħhom stess u jitgħallmu kif jipparteċipaw u jirrispettaw id-drawwiet ta' oħrajn. Barra minn hekk, il-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet huma opportunità eċċellenti għat-tfal biex iqattgħu aktar ħin mal-familja u l-ħbieb waqt li joħolqu mumenti memorabbli. Għalhekk, l-esponiment tat-tfal għal festi u ċelebrazzjonijiet differenti minn età żgħira jwessa' l-orizzonti tagħhom u jgħinhom isiru individwi konxji kulturalment.

Fi kliem ieħor, din hi biċċa xogħol sabiħa immens!

DR OWEN BONNICI

## IL-MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

L-edukazzjoni hija pilastru importanti fil-ħajja tagħna, hija s-sors ta' tagħlim, u hija wkoll dik li tagħmilna ċittadini responsabbli. Edukazzjoni li tibda mid-dar permezz tal-ġenituri tagħna u tkompli għaddejja fit-tieni dar tagħna – l-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi. Kif dejjem ngħid, l-edukazzjoni mhix biss it-tagħlim tal-kurrikulu, imma tħaddan dak kollu li huwa sors ta' għarfien li jsawwarna bħala ċittadini sħaħ – allura inkluż dak kollu li jgħaqqadna mad-dinja ta' madwarna.



Parti importanti huma t-tradizzjonijiet u l-wirt kulturali, tagħlim li ngħadduh fl-iskejjel tagħna, imma wkoll permezz ta' avvenimenti bħal dan: Il-Festa tal-Festi. Nawgura li l-istudenti kollha jieħdu lura magħhom minn din l-attività mhux biss tagħlim, imma wkoll li jgħożżu dak kollu li jagħmilna Maltin u Għawdxin.

DR CLIFTON GRIMA

# FATTI FUQ IL-FESTA

## Għaliex issir il-festa?

Biex **niċċelebraw** il-patrun jew il-patruna tar-raħal jew tal-belt bi **tradizzjonijiet** Maltin

## Il-festi jistgħu jkunu

**Interni** - jiġu ċċelebrati fil-knisja

**Esterni** - jiġu ċċelebrati fit-toroq (jew barra l-knisja)

## Fil-festi nsibu

Nar tal-art u tal-ajru, armar, **baned**, purċissjonijiet, **qubbajt**, daqq ta' qniepen u ħafna aktar!



## L-aktar festi popolari

huma dawk b'rabta mal-Madonna.

L-akbar numru ta' postijiet li jfakkru **festa tal-Madonna** huma tal-Assunta, li aħna ngħidulha 'Santa Marija', li ssir fil- **15** t'Awwissu u hemm **10** parroċċi li jiċċelebrawha. Wara tiġi dik tal-Madonna tal-Karmnu, b' **5** parroċċi.



F'Għajnsielem hemm **qanpiena** tiżen **5.3 tunnellati**, daqs iljunfant!

# POEŻIJA

## Ġiġġifogu

Jien jisimni Ġiġġifogu,
murtal ċkejken, m’iniex kbir,
għandi ħolma: nixtieq ħafna
li xi darba fl-ajru ntir!

nogħla nogħla b’saħħa kbira
f’sema dlam u skiet perfett
bumm xpumm pumm!
taf kif nispara?
fl-ajru niftaħ bħal bukkett

aħmar, aħdar, deheb u fidda
xita tlellex kull kulur
nieżla ttextex, nieżla tfexfex
u tintreħa f’baħar skur

nibqa’ niddi f’għajnejn tifla
ċassa lejja minn mal-art
li kull festa tistennieni
fl-ajru npinġi bukkett ward

Michael Spagnol



# TAQBILIET

Santa Marija, il-Mosta,
Il-Vitorja, in-Naxxar
Santa Liena, Birkirkara
Tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar

Illejla lejlet l-Imnarja
In-nies tax-xatt iġorru d-dgħajjes
U kannestru biċ-ċirasa
Fuq il-mejda tal-għarajjes

San Martin tal-ġewż u t-tin.
Ġewż, lewż, qastan, tin
Kemm inħobbu 'l San Martin



ISMA' L-MUŻIKA

# IL-FESTA

## INKANTAW FLIMKIEN

Bandalori kollha lwien,
karti żgħar ma' kullimkien,
u bajd, imqaret, paljijiet,
sparar bħal tagħna m'hawn
imkien.

It-tfajliet u l-ġuvintur
libsu qomos kull kulur,
mal-briju u l-qbiż hemm ara x'ġej,
għajjat u daqq il-marċ għaddej.

Ara ftit 'il tat-trumbetta
qisu laħaq kapural,
kemm hu goff tal-kurunetta,
dawn tal-banda kollha qsar.

Isma' x'tgħajjat Margerit,
karamelli tal-penit,
sold erbgħa, mela nixtru tnejn,
għalik, għal Ġorġ, għal Rita xejn.

Trid nixtrilek xi ġelat?
U ajma din kemm ġej ksuħat!
Tassew, Marì, m'għandix aptit,
inħossni mtlejt b'dak l-istuffat.

Mela tridx hotdog miż-żgħar?
U mhux xorta, żgħar u kbar?
Mela għidli, trid ftit karawett?
Marì, erħilna miż-żufjett!

Fejn qegħdin iz-zija Betta?
Hemm arahom mal-parrukkier.
Min hi dik? Dik Auntie Ċetta.
Kif issebbħu, iz-zuntier!

Bil-murtali tal-kulur,
rasi nħossha qiegħda ddur,
u ferħ u briju kullimkien,
sparar bħal tagħna m'hawn
imkien.

Lirika ta' Joe Friggieri,
Mużika ta' Charles Camilleri,
Kantata minn Mary Rose Mallia

# KLIEM TAL-FESTA



Fustun



Pavaljun



Planċier



Liedna



Trofew



Pilandra

# IL-BANDA

## KONT TAF?

Banda hija ffurmata minn numru mdaqqas ta' mużiċisti, li jdoqqu strumenti tan-nifs, tar-ram u l-perkussjoni.

F'Malta u Għawdex illum għandna 91 każin tal-Banda.

F'kull lokalità f'Malta u Għawdex hemm skola tal-Mużika. Xi wħud għandhom saħansitra tnejn jew aktar.

Dawn l-istrumenti kollha nsibuhom fil-banda.

TAF X'INHUMA?



_ _ _M_ _ _



_ A_ _ _ _ _



K_ _ _I_E_ _

TITĦAJJAR TITGĦALLEM IDDOQQ XI STRUMENT?

JEKK TIXTIEQ AKTAR TAGĦRIF, IKTBILNA FUQ INFO@MALTABAND.ORG

# FITTIEXA

Sib dan il-kliem marbut mal-festa hawn taħt:

ANTARJOLI, SUNETTI, NOVENA, TRIDU, PONTIFIKAL, PILANDRI, BRIJU, SURMAST, ANTIFONA, BANDA, KATUBA

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | O | B | N | N | T | J | N | K | U | T | A | U | K |
| N | N | I | L | O | J | R | A | T | N | A | S | I | T |
| N | N | O | U | L | A | K | I | F | I | T | N | O | P |
| I | P | F | N | O | V | E | N | A | A | A | N | L | D |
| T | N | N | P | T | A | B | A | U | I | O | N | D | I |
| O | I | O | A | F | U | R | T | I | T | B | P | O | U |
| P | B | R | I | J | U | I | T | I | F | S | O | N | E |
| N | I | T | A | B | U | T | A | K | N | T | L | U | P |
| K | I | R | A | I | K | B | A | D | N | A | B | T | V |
| L | J | I | A | P | I | L | A | N | D | R | I | N | N |
| R | N | D | J | A | V | S | U | R | M | A | S | T | R |
| I | A | U | A | A | J | L | L | J | D | A | I | I | U |
| S | R | R | A | T | O | I | T | T | E | N | U | S | U |
| A | N | T | I | F | O | N | A | A | A | A | O | N | V |





# ATTIVITÀ GĦAD-DAR

## MURTAL BIL-KARTI

### X'GĦANDEK BŻONN:

Imqass, roll tat-toilet paper, żebgħa, karta u platti tal-karti







100
99
98
97
96
81
82
83
84
85
80
79
78
77
76
61
62
63
64
65
60
59
58
57
56
41
42
43
44
45
40
39
38
37
36
21
22
23
24
25
20
19
18
17
16
1
2
3
4
5


95 94 93 92 91
86 87 88 89 90
75 74 73 72 71
66 67 68 69 70
55 54 53 52 51
46 47 48 49 50
35 34 33 32 31
26 27 28 29 30
15 14 13 12 11
6 7 8 9 10

# IL-FESTA TAR-RAĦAL JEW IL-BELT TIEGĦI

X'taf fuq il-Festa tal-lokalità tiegħek?

## PENĠI JEW WAĦĦAL STAMPA

# KALENDARJU TAL-FESTI

## JANNAR

25 - Il-Konverżjoni ta' San Pawl
28 - Familja Mqaddsa

## FRAR

10 - San Pawl Nawfragu

## MARZU

10 - Ġesù Nazzarenu
12 - San Girgor il-Kbir
19 - San Ġużepp

## APRIL

Matul dan ix-xahar, ikun hemm Ħadd il-Palm, Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u l-festa tal-Għid il-Kbir.
9 - Kristu Rxoxt
23 - San Publiju

## MEJJU

1 - San Ġużepp Ħaddiem
3 - Is-Salib Imqaddes
9 - San Ġorġ Preca
21 - Marija Annunzjata
22 - Santa Rita
28 - San Pawl Nawfragu
28 - Sant'Antnin

## ĠUNJU

4 - Madonna ta' Fatima
4 - San Ġużepp
4 - Trinità Qaddisa
11 - Kristu Ewkaristiku Salvatur
11 - San Filippu ta' Agira
16 - Corpus Christi
18 - Qalb ta' Ġesù
18 - Madonna tal-Ġilju
18 - Santa Katarina
25 - San Ġwann Battista
25 - Qalb bla Tebgħa ta' Marija
25 - San Ġorġ
25 - San Nikola
29 - San Pietru u San Pawl

## LULJU

2 - Madonna tal-Karmnu
2 - Immakulata Kunċizzjoni
2 - Sant'Andrija
2 - San Pawl
2 - Madonna tas-Sacro Cuor
2 - Viżitazzjoni tal-Verġni Marija
2 - Madonna ta' Lourdes
9 - Marija Annunzjata
9 - Madonna tal-Karmnu
9 - Madonna tas-Sokkors
9 - San Ġużepp
16 - San Bastjan
16 - Madonna tal-Karmnu
16 - San Ġorġ
16 - San Ġużepp
16 - Madonna tad-Duttrina
23 - Madonna Tal-Karmnu
23 - San Ġużepp
23 - Santa Margerita
30 - Madonna tal-Karmnu
30 - Sant'Anna
30 - Kristu Re
30 - Santa Venera
30 - Marija Addolorata
30 - San Lawrenz
30 - San Ġużepp
30 - Madonna ta' Pompei

## AWWISSU

6 - Is-Salvatur
6 - San Pietru fil-Ktajjen
6 - San Ġużepp
6 - Madonna ta' Lourdes
6 - San Duminku
10 - San Lawrenz
13 - San Gejtanu
13 - San Massimiljanu Kolbe
15 - Santa Marija
20 - Marija Assunta
20 - Santa Marija
20 - Sant'Elena
20 - Madonna ta' Lourdes
20 - Stella Maris
20 - Santa Marija
20 - San Leonardu
21 - San Piju X
27 - San Duminku
27 - Madonna ta' Loreto
27 - San Bartilmew
27 - Marija Reġina
27 - San Ġużepp
27 - Il-Konverżjoni ta' San Pawl
27 - San Ġiljan

## SETTEMBRU

2 - Madonna taċ-Ċintura
3 - San Franġisk ta' Assisi
3 - San Girgor
3 - Santa Katarina
8 - Marija Bambina
10 - Madonna tal-Grazzja
17 - Santu Wistin
24 - Madonna tal-Mellieħa

## OTTUBRU

1 - Madonna tar-Rużarju
1 - San Franġisk fil-Pjagi
8 - San Franġisk
13 - Madonna tar-Rużarju
30 - Madonna Tal-Konsolazzjoni

## NOVEMBRU

19 - San Ġwann tas-Salib

## DIĊEMBRU

8 - Immakulata Kunċizzjoni
13 - Santa Luċija

Imla bil-kulur dan il-kalendarju b'kull data li fiha nsibu festa.




FRAR
MEJJU
AWWISSU
DIĊEMBRU
APRIL

# IL-FESTA TAL-FESTI

## 28, 29, 30 T'APRIL 2023

IL-PALAZZ VERDALA

## EJJA ĊĊELEBRA MAGĦNA!

Għadd ta' kunċerti, workshops, esibizzjonijiet, lezzjonijiet ta' livell avvanzat u ħafna aktar!

ISSA HUWA L-WAQT LI TITGĦALLEM AKTAR FUQ IT-TRADIZZJONIJIET U L-FESTI MALTIN

GĦAL AKTAR TAGĦRIF, IDĦOL FIS-SIT JEW FIL-MEZZI SOĊJALI

TAL-MALTA COMMUNITY CHEST FUND

# ĦAJR

**PRODUZZJONI**
MALTA COMMUNITY CHEST FUND

**KUNĊETT**
YANIS AZZOPARDI

**DIRETTUR ARTISTIKU**
DANIEL CAUCHI

**TIM ORGANIZZATTIV**
JOHN HUBER, MARK MIZZI, STEPHEN ELLUL, CARMEL MARSH,
PAUL VALLETTA, JASON BUSUTTIL, ANTHONY MIFSUD, RAMONA BONNICI,
GRAZIELLA ZERAFA PICCININO, KENNETH CATANIA

**KOORDINATUR TAL-PROĠETT**
MARIA SPITERI ZAHRA

**DISINN U ILLUSTRAZZJONIJIET**
PONDER & PITCH:
CLAIRE DEBATTISTA SANDERSON U AMY ATTARD

**KONSULENT LINGWISTIKU**
MICHAEL SPAGNOL

**RIĊERKA**
RAYDEN MIZZI, RAYMOND SALIBA

**LOĠISTIKA**
VOLUNTIERA U IMPJEGATI TAL-UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT
U L-MALTA COMMUNITY CHEST FUND

**PR UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT**
RUTH CASTILLO, KEITH DEMICOLI

**GRAZZI**
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ,
IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR, FARSONS,
MAYPOLE, BESTPRINT, FORZI ARMATI TA' MALTA, RED CROSS, PULIZIJA TA' MALTA,
GĦAQDA NAZZJONALI KAŻINI TAL-BANDA
KUNSILL REĠJONALI TAN-NOFSINHAR.



VisitMalta

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,
L-ARTI U L-GVERN LOKALI

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI,
L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ,
IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI